*Kulleġġ San Ġorġ Preca*

*Skola Primarja Antonio Galea – Floriana*




# *L-Iskola Tagħna*
# *Lejn Imġiba Tajba fl-Iskola*
# *Kodiċi ta' Dixxiplina*

*Novembru 2007*

*Triq San Tumas – Floriana*
*Tel: 21224177*

# Introduzzjoni

L-imġiba ta' l-istudenti hija msejsa fuq rispett lejn l-individwu, rispett lejn l-oħrajn, rispett lejn l-iskola u l-komunita' tal-lokal u rispett lejn l-ambjent.

# Livelli ta' l-imġiba ta' l-Istudenti

Minħabba li l-istudenti għandhom dritt jgħixu f'ambjent san u dixxiplinat, hu mistenni minnhom li jġibu ruħhom b'mod tajjeb u ordnat u juru rispett lejn in-nies kollha u lejn il-propjeta', kemm fl-iskola kif ukoll fuq it-trasport ta' l-iskola. Mhux accettat li studenti kontinwament itellfu l-klassi, igħajtu, iħallu l-klassi mingħajr permess, jiġru fil-kurituri, juru nuqqas ta' rispett lejn l-għalliema u lejn l-istudenti l-oħra, jitlajjaw, jagħmlu x-xogħol n'negliġenza, jiġġieldu, jużaw lingwaġġ ħażin, iġibu ruħhom ħażin ma' l-oħrajn, jitfgħu l-affarijiet lejn l-oħrajn, jibbulijaw lil xi ħadd u jinvolvu ruħhom f'atti ta' vandaliżmu.

# L-Assembly ta' Filgħodu

Il-bieb ta' l-iskola jinfetaħ kull filgħodu fit-8.10 u t-tfal jidħlu l-iskola bl-ordni. Mad-daqq tal-qanpiena fit-8.15 l-istudenti ta' kull klassi għandhom ikunu miġbura f'żewġ linki dritti u jieqfu mill-kliem. L-Assembly ta' filgħodu hija mezz importanti ta' komunikazzjoni. L-għan ta' din il-laqgħa flimkien kull filgħodu hu li l-istudenti u l-għalliema jiltaqgħu flimkien, fejn jiġl mwassal tagħrif ġenerali ta' interess għal kulħadd. Isir xi kant u talb komunitarju. Jiġu wkoll iccelebrati s-successi ta' l-istudenti. Din il-laqgħa tikkontribwixxi għall-iżvilupp sħiħ tat-tfal. Wara l-Assembly l-istudenti għandhom jimxu b'mod ordnat u kwiet lejn il-klassijiet. Il-Ġenituri ma

jidħlux għall-Assembly jekk mhux f'xi okkazzjoni specjali li għaliha huma jkunu mistiedna.

## Vjaġġar bit-Trasport ta' l-Iskola

Waqt li l-istudenti jkunu qegħdin fuq trasport ta' l-iskola, huma għandhom iġibu ruħhom sew b'mod rispettabbli.

## Kodiċi ta' Ilbies

L-istudenti mistennija jilbsu l-uniformi sħiħa ta' l-iskola, ħwejjeġ ta' l-isports relevanti waqt il-lezzjonijiet tal-P.E.

Il-bniet jistgħu jilbsu hairbands bojod jew ħodor. Jistgħu jilbsu msielet żgħar mill-bniet biss. Imsielet kbar, brazzuletti u ġiżirajjen mhux permessi.

Is-subien għandu jkollhom xagħarhom maqtugħ pulit. Hair gel mhux permess.

## Puntwalita'

Il-puntwalita' hija importanti ħafna. L-istudenti kollha huma mistennija jaslu puntwali l-iskola għall-assembly u għal-lezzjonijiet.

## Xogħol ta' l-Iskola

Mhux aċċettabbli li l-istudenti jonqsu milli jagħmlu l-isforzi tagħhom u jieħdu interess fix-xogħol li jinagħtalhom. L-istudenti m'għandhomx jippretendu li xogħol magħmul bi traskuraġni jkun ikkoreġut jew jingħata marka. Ix-xogħol kollu li jingħata għandu jkun magħmul fil-ħin.

## Attendenza u Assenteiżmu

Il-ġenituri huma obbligati bil-liġi li jibagħtu lil uliedhom l-iskola regolarment. Il-ġenituri qatt m'għandhom jiġu għal uliedhom qabel ma tkun spiċċat il-ġurnata, jekk mhux f'każ ta' emerġenza.
L-istudenti jistgħu jitilfu mill-iskola jekk jiġu għalihom kmieni jew xi ħadd li jieħu ħsiebhom.

## Ħarġiet Edukattivi

Ħarġiet edukattivi għandhom jitqiesu bħala estensjoni ta' dak li jsir fil-klassi u għalhekk qegħdin biex jgħinu sabiex jintlaħqu l-għanijiet edukattivi ta' l-iskola. L-istudenti huma mistennija li jattendu dawn l-attivitajiet. Waqt dawn l-attivitajiet l-istudenti għandhom ikollhom rispett u jġibu ruħhom sew lejn l-għalliema, lejn il-gwidi u dawk kollha li jkunu qed jgħinu b'xi mod.

# Propjeta'

L-istudenti għandhom jirrispettaw il-propjeta' ta' l-iskola, l-għamara, il-bini, il-kotba, xi materjal ieħor edukattiv u apparat li jingħata lilhom. Hemm konsegwenza ta' multi jekk jitilfu jew jagħmlu ħsara lill-propjeta' ta' l-iskola.
Il-Multi huma wkoll konsegwenza f'każ li l-ħsara ssir intenzjonalment fuq propjeta' ta' l-iskola jew propjeta' ta' ħaddieħor.

# Imġiba f'postijiet komuni

Meta l-istudenti jkunu fil-Hall, fil-Literacy Room, fil-Library, fl-Art Room, fil-bitħa, fil-kurituri, fit-taraġ u f'postijiet oħra komuni għandhom iġibu ruġhom bl-istess mod tajjeb kif għandhom iġibu ruħhom fil-klassi.
Fit-toilets għandu jinżamm livell għoli ta' ndafa.

# Oġġetti Projbiti

Kull oġġett li jista' jagħmel ħsara kemm morali kif ukoll fiżika huwa projbit. L-istudenti għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Oġġetti ta' valur kbir m'għandhomx jinġiebu l-iskola. Mobile phones huma projbiti. Taħt l-ebda ċirkustanza m'għandu jsir tipjib jew xorb ta' alcohol fl-iskola.

# Sanzjonijiet

L-ewwel sanzjoni għandha tkun xi kelma bil-kwiet, mhux quddiem l-istudenti l-oħrajn. Din għandha tkun kelma ta' twissija talli naqas milli jilħaq il-livell mixtieq.

Il-miżuri dixxiplinarji li jittieħdu kontra kull student jittieħdu bil-għan li jgħinuh ibiddel għall-aħjar l-imġiba tiegħu. Għalhekk fl-istess ħin li student ikun qiegħed jiġi ddixxiplinat, għandu jiġi żgurat li dan qiegħed jagħraf in-nuqqas tiegħu u jiġi ggwidat biex għall-futur iġib ruħu aħjar.

Il-miżuri ta' dixxiplina jvarjaw skond il-gravita' tan-nuqqas li jkun wettaq l-istudent.

Se jinżamm rekord tan-nuqqasijiet ta' l-istudenti mill-għalliema konċernati fuq formola apposta. L-għalliema jinfurmaw permezz ta' nota kull darba li tinkiser xi regola. Mar-raba' offiża l-ġenituri jiġu mgħarrfa ufficcjalment. Mal-ħames offiża:

- Il-formola tintbagħat id-dar u tiġi iffirmata mill-ġenituri
- Il-formola trid tirritorna l-iskola
- It-tfal se jingħataw extra work mill-Kap ta' l-Iskola
- L-extra work jirritorna l-iskola l-għada u jingħata lill-kap ta' l-iskola

Il-proċess jerġa' jibda mill-ġdid, iżda jekk jirrepeti ruħu aktar minn tlett darbiet (jiġifieri aktar minn ħmistax-il offiża) l-istudent jinżamm nofs siegħa wara l-ħin.

L-offiżi huma dawn:

- Jasal tard l-iskola bla ebda raġuni valida.
- Ma ġiex bl-uniformi kif suppost
- Ġab miegħu affarijiet mhux permessi.
- Naqas milli jagħmel il-HW.
- Ma ġabx xi kotba/pitazzi.
- Għamel storbju żejjed.

- Fixkel il-lezzjoni bit-tpaċpiċ/ċajt goff/billi daħħak.
- Ġab ruħu ħażin fil-klassi.
- Ġab ruħu ħażin waqt ħarġa edukattiva.
- Tkellem ħażin/baxx.
- Għamel mossi psatas.
- Irrisponda lill-għalliema.
- Wera nuqqas ta' rispett lill-għalliema.
- Mhux qed juri interess fil-lezzjonijiet.
- Kien involut fi ġlied bl-idejn.
- Għamilha ta' bully
- Wettaq att vandalu fi propjeta' ta' l-iskola

# Lejn Imġiba Tajba fl-Iskola

L-iskola tixtieq li kemm jista' jkun nersqu lejn dixxiplina preventiva u għalhekk kull student li jagħmel sforz biex itejjeb l-imġiba tiegħu, jagħmel ħiltu biex jimxi 'l quddiem fit-tagħlim u jagħti servizz lil sħabu fil-klassi u fl-iskola in ġenerali se jkun ikkunsidrat mill-għalliema sabiex jircievi l-Pupil of the Month Certificate. Dan huwa ċertifikat li jingħata kull xahar f'kull klassi. Fl-aħħar ta' kull xahar kull għalliema għandha tinnomina student li jkun iddistingwa ruħu fost sħabu.



# *Imġiba Mixtieqa Min-Naħa tal-Ġenituri*

Il-Ġenituri kollha għandhom iħossu ruħhom importanti ħafna fl-edukazzjoni ta' uliedhom. Huwa d-dmir tal-ġenituri kollha li joħolqu u jżommu rabta tajba ma' l-iskola.

- L-iskola għandu jkollha l-informazzjoni dettaljata kollha dwar indirizzi tal-ġenituri kemm tad-dar kif ukoll tax-xogħol, flimkien man-numri tat-telefon kollha. F'każ li jkun hemm xi tibdil fl-indirizzi jew numri tat-telefon l-iskola għandha tiġi nfurmata mill-ewwel. Din l-informazzjoni nużawha biss fl-interess ta' l-istudenti jekk kemm-il darba tinqala' xi emerġenza.
- L-iskola jrid ikollha informazzjoni medika tat-tfal ħalli tkun tista' tħares l-interess tat-tfal f'dik li hi saħħa u sigurta'
- L-iskola tixtieq li l-ġenituri jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kollha li għalihom ikunu mistiedna.
- Il-ġenituri huma mħeġġa jgħinu f'xogħol volontarju marbut ma' ġbir ta' fondi, attivitajiet soċjali, attivitajiet tal-Kunsill Skolastiku.
- Il-ġenituri kollha għandhom jagħtu eżempju tajjeb lill-uliedhom, waqt il-ħinijiet kollha tal-ġurnata.
- Il-ġenituri għandhom juru rispett lejn l-amministrazzjoni ta' l-iskola , lejn l-għalliema u lejn kull min jaħdem fl-iskola.
- Il-ġenituri għandhom jitolbu appuntament biex jitkellmu ma' l-amministrazzjoni u/jew xi għalliema.
- Jiddiskutu xi problemi li jistgħu jinqalgħu mal-kap ta' l-iskola. Dan għandu jsir fl-ufficcju u mhux quddiem it-tfal. Importanti li tinżamm dejjem ton rispettabli.
- Il-ġenituri għandhom jilbsu onest kull darba li jiġu l-iskola.
- Fl-iskola ma jistgħux ipejpu.
- Importanti ħafna li l-ġenituri jikkoperaw dejjem ma' l-iskola.